Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,584, 27 ta' April, 2010
Taqsima B

A.L. 239 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmulin mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"iċ-Ċertifikat" tfisser iċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Eliġibbilità għaċ-Ċertifikat

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudenti għandhom:

(a) jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors skont ir-regolament 4;

(b) jtemmu l-kors tal-istudji, jikkwalifikaw fil-valutazzjonijiet u jissodisfaw kull rekwiżit ieħor skont kif mitlub f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw kull rekwiżit ieħor skont l-Istatuti, ir-Regolamenti u l-Ordinamenti rilevanti oħra tal-Università.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

4. Il-Kors huwa miftuħ biss għaċ-ċittadini li segwew l-edukazzjoni sekondarja tagħhom fis-sistemi edukattivi indikati fi Skeda numru 1 ta' dawn ir-regolamenti u li:

(a) temmew b'suċċess l-edukazzjoni sekondarja u/jew l-edukazzjoni sekondarja għolja; u

(b) għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki fl-Ingliż fil-livell meħtieġ:

(i) Test of English as a Foreign Language (TOEFL) 500 jew 173 CB jew 61 Internet-based;
(ii) International English Language Testing System 5.5;
(iii) Cambridge First Certificate bi grad Ċ jew aħjar; jew
(iv) kwalunkwe kwalifika ekwivalenti oħra approvata mill-Bord; u

minn Ottubru 2011 'il quddiem, sakemm jiksbu għall-anqas il-punteġġ minimu applikabbli komparabbli ma' għall-anqas TOEFL 17 (Internet based) jew IELTS 5.0 jew l-ekwivalenti, fil-qari u l-kitba; u

(ċ) għandhom kwalifiki li jħalluhom ikomplu għall-edukazzjoni għolja fid-dixxiplina magħżula fil-pajjiż minn fejn ġabu l-kwalifiki tagħhom; iżda

(d) huma meqjusa li għandhom bżonn aktar studju biex jiġu aċċettati għall-korsijiet tal-Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u suġġetti relatati max-Xjenza tas-Saħħa fl-Università ta' Malta.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq perjodu ta' sena akkademika fuq bażi *full-time*. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jirrepetu l-Kors darba biss.

Il-Bord tal-Istudji

6. L-amministrazzjoni ġenerali tal-Kors għandha tkun fdata lil Bord tal-Istudji, maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Il-Programm ta' Studju

7. (1) L-għan tal-programm ta' studju hu li jegħleb id-differenzi bejn is-sistema edukattiva Maltija u sistemi oħrajn. Il-programm għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS.

(2) Il-Bord għandu jfassal programm ta' studji li jinkdika liema taqsimiet studju huma obbligatorji u liema huma elettivi u katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studji u l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel it-tibdiliet neċessarji fil-programm ta' studji u fil-katalgu kif meħtieġ.

L-Attendenza u l-Valutazzjoni

8. (1) L-attendenza għas-sessjonijiet ta' tagħlim kollha jsiru kif isiru hija obbligatorja. L-istudenti għandhom jattendu għall-anqas għal 80% tal-lekċers/seminarji jew sessjonijiet prattiċi f'taqsima studju f'kull semestru qabel ma jitħallew joqogħdu għall-valutazzjoni ta' taqsima studju, ħlief bil-permess tal-Bord li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' japprova li student jitħalla joqgħod għall-valutazzjoni/jiet. Fil-każijiet fejn l-istudent ma jitħalliex joqgħod għall-valutazzjoni l-marka 0 u l-grad F għandhom ikunu assenjati u reġistrati.

(2) L-istudenti jkunu eliġibbli biex jiġu valutati mill-ġdid f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 16-il kredtu ECTS.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

9. Iċ-Ċertifikat għandu jingħata lill-istudenti li jiksbu 60 kredtu ECTS f'sena akkademika waħda.

L-Aċċess u d-Dħul għall-Korsijiet sal-Ewwel Grad fil-Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa fl-Università

10. L-istudenti li jiksbu ċ-Ċertifikat huma meħtieġa li jsegwu l-proċedura għad-dħul fl-Università għall-studenti barranin skont il-kors li qegħdin japplikaw għalih.

Il-Provvediment Ġenerali

11. Għal materji li m'hemmx provvedimenti għalihin f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jkun iggwidat mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, kif applikabbli.

It-Tħassir

12. Ir-Regolamenti tal-2009 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa), ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 115 tal-2009, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2010.

* * * * * *

Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies
(Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa)

Skeda 1

Dan il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti kwalifikati skont il-provvedimenti ta' ftehim iffirmati mill-Università mal-Istat tal-Kuwajt.